IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.5.2025
COM(2025) 259 final

2025/0132 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## li jemenda r-Regolament (UE) 2024/1348 fir-rigward tal-applikazzjoni tal-kunċett ta' "pajjiż terz sikur"

{SWD(2025) 600 final}

# MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

## KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Kuntest u raġunijiet għall-proposta**

L-Artikolu 77 tar-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil (2024/1348) (“APR”, Asylum Procedure Regulation) jirrikjedi li l-Kummissjoni tirrevedi l-kunċett ta’ pajjiż terz sikur (“STC”, safe third country) u, fejn xieraq, tipproponi kwalunkwe emenda mmirata sat-12 ta’ Ġunju 2025. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni wettqet rieżami olistiku tal-kunċett ta’ STC.

F’dan il-kuntest, il-Kummissjoni eżaminat jekk id-dritt internazzjonali (il-Konvenzjoni ta’ Ġinevra tal-1951 u l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1950) u d-dritt primarju tal-UE, inkluża l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, jippermettux aktar reviżjonijiet tal-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-kunċett ta’ STC u s-salvagwardji legali tiegħu, bil-għan li tiġi ffaċilitata ulterjorment l-applikazzjoni tiegħu mill-Istati Membri. Il-Kummissjoni qieset ukoll l-esperjenzi u l-isfidi tal-Istati Membri fl-applikazzjoni tal-kunċett ta’ STC, kif espressi f’diversi fora, u vvalutat jekk il-bidliet introdotti bis-saħħa tal-APR kinux diġà indirizzaw dawn il-kwistjonijiet jew jekk kienx għad hemm lakuni. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni analizzat il-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE (“QĠUE”) u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (“QEDB”).

Il-kunċett ta’ pajjiż terz sikur (“STC”), li bħalissa huwa regolat mill-Artikolu 33(2)(c) tad-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Ażil 2013/32/UE (“APD”)[1], ġie rivedut bħala parti mill-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil adottat f’Mejju 2024.

Meta japplikaw il-kunċett ta’ “pajjiż terz sikur” (“STC”), l-Istati Membri jistgħu jirrifjutaw l-applikazzjonijiet għall-ażil bħala inammissibbli mingħajr ma jeżaminaw jekk il-persuni jissodisfawx il-kundizzjonijiet biex jingħataw protezzjoni fl-UE. Il-kunċett ta’ STC jista’ jiġi applikat bħala parti mill-proċedura fuq il-fruntiera.

Ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil 2024/1348 (“APR”)[2] introduċa diversi bidliet fir-regoli tal-STC, immirati biex jippermettu applikabbiltà usa’ u aktar flessibbli tal-kunċett ta’ STC. Dawn il-bidliet jinkludu:

– It-twessigħ tal-kriterji li bih, pajjiż terz jista’ jiġi ddeżinjat bħala “sikur”, b’mod partikolari li jippermetti lill-pajjiżi li ma humiex partijiet għall-Konvenzjoni ta’ Ġinevra li jiġu ddeżinjati wkoll bħala STCs, diment li jkunu jistgħu joffru “protezzjoni effettiva”[3].

– Referenza espliċita għar-rabtiet familjari u s-soġġorn fil-pajjiż terz bħala indikazzjonijiet possibbli ta’ konnessjoni (il-premessa 48 tal-APR).

---

[1] Id-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (riformulazzjoni), ĠU L 180, 29.6.2013, p. 60.

[2] Ir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta’ Mejju 2024 li jistabbilixxi proċedura komuni għall-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE, ĠU L, 2024/1348, 22.5.2024.

[3] L-Artikolu 57(2) tal-APR jiddefinixxi “protezzjoni effettiva” bħala li tinkludi: id-dritt li persuna tibqa’ fit-territorju tal-pajjiż terz inkwistjoni sakemm tiġi eżaminata l-applikazzjoni għall-protezzjoni; standard tal-għajxien adegwat li jikkorrespondi għas-sitwazzjoni ġenerali ta’ dak il-pajjiż; l-aċċess għall-kura tas-saħħa u l-edukazzjoni skont l-istess kundizzjonijiet previsiti għaċ-ċittadini ta’ dak il-pajjiż; u protezzjoni effettiva sakemm tinstab soluzzjoni durabbli.

– L-għażla li pajjiż terz jiġi deżinjat bħala "sikur" b'eċċezzjonijiet għal partijiet speċifiċi tat-territorju tiegħu jew kategoriji ta' persuni identifikabbli b'mod ċar (il-premessa 46 u l-Artikolu 59(2) tal-APR).

– L-introduzzjoni ta' preżunzjoni ta' sikurezza għal pajjiżi terzi li magħhom l-UE kkonkludiet ftehim STC skont l-Artikolu 218 tat-TFUE (l-Artikolu 59(7) tal-APR).

– L-introduzzjoni tal-possibbiltà li jiġu adottati listi komuni ta' STCs deżinjati fil-livell tal-UE, mingħajr ma tiġi prekluża l-possibbiltà li l-Istati Membri jinnominaw STCs addizzjonali fil-livell nazzjonali (il-premessa 81 u l-Artikoli 60, 63 u 64 tal-APR).

Id-dispożizzjonijiet il-ġodda se japplikaw minn Ġunju 2026. B'rabta mal-Artikolu 59(2) tal-APR, fir-rigward tal-possibbiltà li pajjiż terz jiġi deżinjat bħala "sikur" b'eċċezzjonijiet territorjali u/jew ta' kategorija, il-Kummissjoni dan l-aħħar ipproponiet li tavvanza l-applikazzjoni tiegħu[4].

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill qiesu li jistgħu jkunu meħtieġa aktar bidliet leġiżlattivi anke qabel ma japplika l-APR. Konsegwentement, l-Artikolu 77 tal-APR jinkariga lill-Kummissjoni biex tirrieżamina l-kunċett ta' STC sat-12 ta' Ġunju 2025 u tipproponi, fejn xieraq, kwalunkwe emenda mmirata.

- **Rieżami tal-kunċett ta' pajjiż terz sikur**

Il-Kummissjoni adottat approċċ olistiku għar-rieżami f'konformità mal-obbligu skont l-Artikolu 77 tal-APR[5].

Bħala parti minn dan ir-rieżami, il-Kummissjoni eżaminat l-elementi relatati mal-kunċett ta' STC u l-applikazzjoni tiegħu skont l-APR. Dawn jinkludu:

(1) il-kundizzjonijiet li pajjiż terz irid jissodisfa sabiex jitqies bħala **"sikur"**, kif stabbilit fl-Artikolu 59 tal-APR. Essenzjalment, ma għandu jkun hemm l-ebda riskju ta' persekuzzjoni jew ta' dannu serju f'dak il-pajjiż terz; irid ikun hemm il-possibbiltà li tintalab u, jekk il-kundizzjonijiet jiġu ssodisfati, tingħata **protezzjoni effettiva** kif definita fl-Artikolu 57 tal-APR; u l-prinċipju ta' *non-refoulement* irid jiġi rispettat.

(2) l-eżistenza ta' **konnessjoni** bejn l-applikant u l-pajjiż terz, li jfisser li jrid ikun hemm rabta bejn il-persuna li tfittex l-ażil u l-STC li tagħmilha raġonevoli li l-applikant jiġi ttrasferit għal dak l-STC.

(3) **garanziji ta' proċess dovut** stabbiliti mill-APR li jridu jiġu rrispettati mill-Istati Membri li japplikaw il-kunċett, b'mod partikolari valutazzjoni individwali, każ b'każ, ta' jekk il-pajjiż huwiex sikur għal kull applikant ikkonċernat, kif ukoll il-possibbiltà li l-applikant ikun jista' jikkontesta fil-qorti kemm l-eżistenza ta' konnessjoni mal-pajjiż terz inkwistjoni, kif ukoll l-effett sospensiv awtomatiku tal-appell, u l-fatt li l-pajjiż ikun sikur minħabba ċ-ċirkostanzi speċifiċi tiegħu/tagħha (il-possibbiltà li tiġi kkonfutata l-preżunzjoni tas-sikurezza).

B'riżultat ta' dan ir-rieżami, u wara analiżi bir-reqqa, il-Kummissjoni kkonkludiet li hemm lok sabiex il-kriterju ta' konnessjoni jiġi rivedut, minħabba li dan ma huwiex rekwiżit skont id-dritt internazzjonali, u għall-effett sospensiv awtomatiku tal-appell. Madankollu, hija sabet li ma hemm l-ebda lok għal reviżjoni rigward il-kriterji għas-"sikurezza" tal-pajjiż terz,

[4] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2024/1348 fir-rigward tal-istabbiliment ta' lista ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni, COM(2025) 186 final, 16.4.2025.

[5] SWD (2025) 600 DĠ HOME SWD marbut mal-proposta ta' pajjiżi terzi sikuri (STC)

minħabba li dawn huma diġà allinjati mal-istandards minimi meħtieġa skont id-dritt internazzjonali[6]. Aspetti oħrajn marbuta mal-proċess dovut, inkluża l-valutazzjoni individwali, huma rekwiżiti skont id-dritt u l-ġurisprudenza tal-UE u internazzjonali li huma meqjusin bħala essenzjali sabiex l-individwi jiġu protetti minn *refoulement* u jiġu ppreservati d-drittijiet fundamentali tagħhom. Minħabba n-natura vinkolanti tagħhom skont id-dritt tal-UE u dak internazzjonali, dawn is-salvagwardji jridu jibqgħu fis-seħħ[7].

Għalhekk, ġew identifikati ż-żewġ elementi li ġejjin għal emenda mmirata tal-APR:

(a) ir-rekwiżit ta' konnessjoni bejn l-applikant u l-pajjiż terz (il-**kriterju ta' konnessjoni**); u

(b) l-**effett sospensiv tal-appell** kontra deċiżjonijiet li jiċħdu applikazzjoni bħala inammissibbli fuq il-bażi tal-STC.

Il-partijiet ikkonċernati indikaw diversi benefiċċji u riskji għal kull alternattiva, kif miġbura fil-qosor fit-taqsima "konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati" hawn taħt.

### A. Kriterju ta' konnessjoni

Ir-rieżami tal-Kummissjoni sab li n-natura mhux vinkolanti tal-kriterju ta' konnessjoni fid-dritt internazzjonali ħalliet lok għar-reviżjoni tiegħu. Kien ukoll l-element fil-kunċett tal-STC taħt l-APR li maġġoranza sinifikanti tal-Istati Membri identifikaw bħala li kellu l-akbar impatt fl-iffaċilitar tal-applikazzjoni tal-kunċett. Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni identifikat u vvalutat tliet alternattivi għar-reviżjoni tal-kriterju ta' konnessjoni fil-kuntest tal-APR[8].

(1) *Tneħħija tal-kriterju ta' konnessjoni bħala rekwiżit obbligatorju skont id-dritt tal-UE*

Billi l-kriterju ta' konnessjoni ma huwiex meħtieġ skont id-dritt internazzjonali, alternattiva waħda kkunsidrata kienet li titneħħa n-natura obbligatorja tiegħu mid-dritt tal-UE, biex b'hekk l-Istati Membri, meta japplikaw il-kunċett ta' STC, ikollhom il-possibbiltà li jagħżlu jekk japplikawx il-kriterju ta' konnessjoni jew le, u kif jiddefinixxuh fil-liġi nazzjonali.

Din l-alternattiva tiffaċilita l-applikazzjoni tal-STC mill-Istati Membri billi potenzjalment tespandi n-numru ta' applikanti li għalihom jista' jiġi applikat il-kunċett ta' STC, twessa' l-ġabra ta' pajjiżi terzi li magħhom issir kollaborazzjoni fl-applikazzjoni tiegħu, u telimina l-ħtieġa li tingħata prova tal-eżistenza ta' konnessjoni ma' STC partikolari. Din tnaqqas il-piż amministrattiv u żżid l-effettività tal-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-ażil. Hija tista'

[6] Skont il-premessa 46 tal-APR, protezzjoni effettiva timplika "aċċess għal mezzi ta' sussistenza suffiċjenti biex jinżamm standard ta' għajxien adegwat b'kunsiderazzjoni tas-sitwazzjoni ġenerali ta' dak il-pajjiż terz ospitanti, l-aċċess għal kura tas-saħħa u trattament essenzjali ta' mard u għall-edukazzjoni fil-kundizzjonijiet ġeneralment previsti f'dak il-pajjiż terz". Barra minn hekk, skont il-premessa 51, "l-aċċess għal mezzi ta' sussistenza suffiċjenti biex jinżamm standard ta' għajxien adegwat" għandu jinftiehem li "jinkludi l-aċċess għall-ikel, l-ilbies, l-akkomodazzjoni jew il-kenn u d-dritt għal impjieg bi ħlas, pereżempju permezz ta' aċċess għas-suq tax-xogħol, taħt kundizzjonijiet mhux inqas favorevoli minn dawk għal persuni li mhumiex ċittadini tal-pajjiż terz b'mod ġenerali fl-istess ċirkostanzi". Dawn ir-rekwiżiti huma fil-biċċa l-kbira ekwivalenti għal dak li teħtieġ il-Konvenzjoni ta' Ġinevra tal-1951 għar-refuġjati li jkunu qed joqogħdu legalment fit-territorju: id-dritt għal impjieg b'paga (l-Artikolu 17 tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra), għal akkomodazzjoni (l-Artikolu 21) u għal impjieg indipendenti (l-Artikolu 18) għandu jingħata b'termini favorevoli daqs dawk għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu legalment fil-pajjiż; id-dritt ta' aċċess għall-edukazzjoni (l-Artikolu 22) u għas-sigurtà u l-benefiċċji soċjali (l-Artikolu 24) għandu jingħata bl-istess termini bħal dawk għaċ-ċittadini.

[7] Ara t-taqsima 3 tal-SWD (2025) 600 tad-DĠ HOME SWD marbut mal-proposta ta' pajjiżi terzi sikuri (STC)

[8] Ara t-taqsima 4 tal-SWD (2025) 600 tad-DĠ HOME SWD marbut mal-proposta ta' pajjiżi terzi sikuri (STC).

wkoll tikkontribwixxi għal żieda fil-kondiviżjoni tar-responsabbiltà u possibbilment tespandi l-ispazju ta' protezzjoni globali. Din l-alternattiva jeħtieġ li tiġi applikata f'konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, inklużi d-drittijiet tat-tfal.

Din l-alternattiva kopriet ukoll il-possibbiltà li jiġu esklużi gruppi speċifiċi ta' applikanti vulnerabbli, jew li jiġu introdotti miżuri speċifiċi biex jipprevjenu l-ħrib (eż., il-preżunzjoni ta' riskju ta' ħrib meta jiġi applikat il-kunċett ta' STC jew l-introduzzjoni ta' raġuni ġdida għad-detenzjoni fid-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza). Din l-alternattiva inkludiet ukoll il-possibbiltà li jiġu konklużi ftehimiet jew arranġamenti ma' pajjiżi terzi li jeħtieġu l-eżami tal-merti tat-talbiet għal protezzjoni effettiva magħmula minn applikanti li l-applikazzjoni tagħhom ġiet miċħuda bħala inammissibbli skont il-kunċett ta' STC.

Dawn l-elementi huma parti minn din il-proposta leġiżlattiva.

*(2) Kunsiderazzjoni tat-tranżitu bħala kriterju suffiċjenti*

It-tieni alternattiva kienet li jiġi kkunsidrat li s-sempliċi tranżitu tal-applikant minn pajjiż terz sikur huwa kriterju suffiċjenti biex jiġi applikat il-kunċett ta' STC għall-individwi kkonċernati.

L-inklużjoni tat-tranżitu bħala kriterju tipprovdi rabta oġġettiva addizzjonali bejn l-applikant u l-pajjiż terz sikur, minħabba li huwa raġonevoli li wieħed jistenna li persuna li tfittex protezzjoni internazzjonali tkun setgħet applikat għall-protezzjoni fil-pajjiż terz sikur li minnu tkun għaddiet dik il-persuna. Din l-interpretazzjoni hija allinjata mal-approċċ meħud mill-Kummissjoni fil-proposta tagħha tal-2016 għal Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil[9], fejn irrikonoxxiet li t-tranżitu minn pajjiż terz sikur jista' jkun biżżejjed biex jiġi applikat il-kunċett ta' STC. Ir-rikonoxximent tat-tranżitu bħala rabta oġġettiva valida jiffaċilita l-applikazzjoni tal-kunċett u possibbilment jespandi l-firxa ta' pajjiżi terzi li magħhom l-Istati Membri jistgħu jikkooperaw fuq kwistjonijiet ta' ażil. Se tkun ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet kompetenti tal-ażil tal-Istati Membri li jagħtu prova ta' tali tranżitu.

Ġiet ikkunsidrata l-possibbiltà li tiġi introdotta preżunzjoni konfutabbli speċifika ta' tranżitu, skont liema jista' jiġi preżunt li individwu li jasal b'mod irregolari fit-territorju tal-UE, u li ma jkunx jista' juri rotta diretta ta' wasla, irid ikun għadda minn mill-inqas pajjiż terz wieħed. Madankollu, ġie konkluż li l-introduzzjoni ta' preżunzjoni konfutabbli żżid mar-raġunijiet għal litigazzjoni, u din il-ħaġa tqieset bħala wieħed mill-fatturi kontra s-simplifikazzjoni mixtieqa tal-applikazzjoni tal-kunċett ta' STC. Għal din ir-raġuni, il-possibbiltà li tiġi introdotta preżunzjoni konfutabbli ġiet imwarrba.

*(3) Definizzjoni tal-kriterju ta' konnessjoni fl-APR, iżda jkun magħmul aktar flessibbli (li jinkludi wkoll it-tranżitu)*

It-tielet alternattiva kienet li "konnessjoni" tiġi definita skont id-dritt tal-UE b'tali mod li tikkunsidra rabtiet kulturali jew l-għarfien tal-lingwa, minbarra t-tranżitu, bħala rabtiet suffiċjenti, possibbilment akkumpanjati minn dokument ta' gwida.

Din l-alternattiva tista' twessa' l-ġabra ta' STCs potenzjali, minħabba li tmur lil hinn minn pajjiżi terzi fuq ir-rotta lejn l-UE, filwaqt li tiffaċilita l-kooperazzjoni mal-pajjiż terz ikkonċernat u tikkontribwixxi għal żieda fil-kondiviżjoni tar-responsabbiltà. Barra minn hekk, hija tista' tiffaċilita l-integrazzjoni tal-applikant ladarba jiġi ttrasferit, u b'hekk tissaħħaħ is-sostenibbiltà tat-trasferiment. Madankollu, l-oneru tal-provi ta' konnessjoni dejjem jibqa' fuq

[9] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi proċedura komuni għal protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE, COM/2016/0467 final - 2016/0224 (COD).

l-awtoritajiet tal-ażil tal-Istati Membri. Għalhekk, din l-alternattiva ma tqisitx bħala li ġġib l-effett mixtieq li tissimplifika l-applikazzjoni tal-kunċett ta' STC.

**B. Effett sospensiv tal-appell**

Il-Kummissjoni eżaminat ukoll jekk huwiex possibbli li jiġu ssimplifikati l-proċeduri ta' appell dwar l-applikazzjoni tal-kunċett ta' STC billi l-effett sospensiv tal-appelli kontra d-deċiżjonijiet ta' inammissibbiltà ma jibqax awtomatiku.

Il-kwistjoni ta' jekk appell kontra l-applikazzjoni tal-kunċett ta' STC għandux effett sospensiv awtomatiku hija partikolarment importanti f'każijiet ta' deċiżjonijiet ta' inammissibbiltà bbażati fuq il-kunċett ta' STC, fejn l-applikazzjoni ma tiġix eżaminata fuq il-merti tagħha. In-natura tad-drittijiet fundamentali f'riskju, u b'mod partikolari r-riskju ta' *refoulement*, tagħmel il-garanzija tal-effett sospensiv tal-appell fl-APR partikolarment importanti. Dawn ir-riskji ġew indikati matul il-proċess ta' konsultazzjoni minn xi Stati Membri, mill-UNHCR u mis-soċjetà ċivili.

Madankollu, it-tneħħija tal-effett sospensiv awtomatiku tal-appell tista' tgħin biex jitnaqqas id-dewmien proċedurali fl-applikazzjoni tal-kunċett ta' STC u jiġu evitati abbużi potenzjali fl-opportunitajiet ta' appell mill-applikanti, filwaqt li xorta tiġi żgurata l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-applikant, billi tippermettilhom jitolbu l-effett sospensiv. Barra minn hekk, biex tiġi żgurata l-protezzjoni tad-drittijiet tal-applikanti mir-riskju ta' *refoulement,* hemm effett sospensiv awtomatiku kontra d-deċiżjoni ta' ritorn meħuda skont l-Artikolu 37 tal-APR b'rabta mad-deċiżjoni ta' inammissibbiltà meta jkun hemm riskju ta' ksur tal-prinċipju ta' *non-refoulement*. Dan għandu jiggarantixxi li l-persuni ma għandhomx jiġu ttrasferiti meta jkun hemm riskju ta' *refoulement* fil-pajjiż terz, jew meta jkun hemm riskju ta' dannu serju, jew trattament inuman jew degradanti, fil-pajjiż terz.

**Konklużjonijiet tar-rieżami**

Il-Kummissjoni qieset bir-reqqa l-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' kull alternattiva għar-reviżjoni tad-dispożizzjonijiet tal-APR dwar l-applikazzjoni tal-kunċett ta' STC. B'mod ġenerali, hija tqis li **taħlita ta' miżuri** x'aktarx li tikseb il-flessibbiltà mixtieqa u tiffaċilita l-applikazzjoni tal-kunċett ta' STC mill-Istati Membri, filwaqt li żżomm salvagwardji essenzjali, tipproteġi d-drittijiet fundamentali u tindirizza t-tħassib espress minn xi partijiet ikkonċernati, kif rifless f'din il-proposta.

Għalhekk, din il-proposta tippermetti, iżda ma tirrikjedix, li l-Istati Membri japplikaw il-kunċett ta' STC meta (i) ikun hemm konnessjoni bejn l-applikant u pajjiż terz sikur inkwistjoni, jew (ii) fejn l-applikant ikun għadda minn pajjiż terz sikur, jew (iii) f'każ ta' ebda konnessjoni jew tranżitu, meta jkun hemm ftehim jew arranġament ma' pajjiż terz sikur li jirrikjedi l-eżami tal-merti tat-talbiet għal protezzjoni effettiva magħmula mill-applikanti soġġetti għal dak il-ftehim jew l-arranġament. L-aħħar għażla ma għandhiex tapplika għal minorenni mhux akkumpanjati, li għalihom dejjem ikunu meħtieġa konnessjoni jew tranżitu. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-aħjar interessi tat-tfal ikunu kunsiderazzjoni primarja fid-deċiżjonijiet kollha li jikkonċernaw il-minuri.

Hija tissimplifika wkoll il-proċeduri ta' appell dwar l-applikazzjoni tal-kunċett ta' STC billi tipproponi li l-effett sospensiv tal-appelli kontra deċiżjonijiet ta' inammissibbiltà meħuda fuq il-bażi tal-STC ma jkunx awtomatiku.

- **Objettivi tal-proposta**

L-objettiv ewlieni ta' din il-proposta huwa li ssir emenda mmirata għar-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil 2024/1348 sabiex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni tal-kunċett ta' STC.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

Din il-proposta tirriżulta mill-Artikolu 77 tal-APR li jagħti lill-Kummissjoni l-kompitu li tirrieżamina l-kunċett ta' STC sat-12 ta' Ġunju 2025 u tipproponi, fejn xieraq, kwalunkwe emenda mmirata. Hija kompletament konsistenti mal-objettivi tar-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil, kif adottat fl-14 ta' Mejju 2024. Hija allinjata wkoll mal-istrumenti leġiżlattivi l-oħrajn adottati b'rabta mal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, b'mod partikolari r-Regolament dwar Standards għall-Kwalifika, id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza riformulata, ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni, ir-Regolament dwar l-Iskrinjar u r-Regolament Eurodac.

Barra minn hekk, il-proposta għar-reviżjoni tal-kunċett ta' pajjiż terz sikur hija konsistenti mal-proposta għal Regolament dwar ir-Ritorn[10] sa fejn dan tal-aħħar jespandi l-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli tal-UE dwar ir-ritorn biex ikopri wkoll ir-ritorni mwettqa skont il-kunċett ta' STC u jżomm is-salvagwardji (diġà) disponibbli għall-persuni rimpatrijati skont ir-regoli tal-UE dwar ir-ritorn, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem b'rabta mar-rispett tal-prinċipju ta' *non-refoulement*.

- **Konsistenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni**

Din il-proposta hija konsistenti mal-approċċ komprensiv u fit-tul għal ġestjoni tal-migrazzjoni aktar effettiva u koerenti, kif stabbilit fil-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil li jinvolvi, fost l-oħrajn, it-tqegħid tal-migrazzjoni fiċ-ċentru tar-relazzjonijiet ta' sħubija u kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi. Minn din il-perspettiva, u b'kont meħud tal-objettiv tal-proposta li tiggarantixxi d-dritt li persuna tfittex l-ażil, kif ukoll li tirrispetta d-drittijiet fundamentali tar-refuġjati, tal-persuni li jfittxu l-ażil u tal-migranti, irrispettivament mill-istatus tagħhom, il-proposta hija allinjata mal-impenn tal-UE għall-objettivi tal-Patt Globali dwar ir-Refuġjati.

Il-proposta tappoġġa l-objettivi ġenerali tal-Patt, u b'mod partikolari l-għan li l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-ażil fl-UE jsir aktar effiċjenti u li jinstabu soluzzjonijiet biex ikun hemm kooperazzjoni u biex il-piż jiġi kondiviż ma' pajjiżi terzi.

## 2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

Il-bażi legali għall-proposta hija l-Artikolu 78(2), il-punt (d) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

- **Ġeometrija varjabbli**

F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tal-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u mat-TFUE, l-Irlanda ma għandhiex tieħu sehem fl-adozzjoni u ma għandhiex tkun marbuta bi kwalunkwe miżura adottata skont it-Titolu V tal-Parti 3 tat-TFUE, li tinkludi miżuri li jistabbilixxu Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil. Madankollu, skont l-Artikolu 3 ta' dak il-Protokoll, l-Irlanda tista' tiddeċiedi li tieħu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' tali miżuri. L-Irlanda avżat dwar ix-xewqa tagħha li tieħu sehem fir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil. Hija tista' tagħżel ukoll li tieħu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' din il-proposta, li temenda r-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil, f'konformità mal-Artikoli 3 u 4a tal-Protokoll 21.

[10] COM(2025) 101 final.

F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma hijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u ma hijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

- **Sussidjarjetà**

L-objettiv ta' din il-proposta huwa li tagħmel emenda mmirata għar-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil bil-għan li tagħmel l-applikazzjoni tal-kunċett ta' STC aktar flessibbli għall-Istati Membri. Il-proposta żżomm in-natura fakultattiva tal-applikazzjoni tal-kunċett ta' STC.

Il-proċeduri l-ġodda għandhom ikunu regolati mill-istess regoli, irrispettivament mill-Istat Membru li jkun qed japplikahom, sabiex tiġi żgurata ekwità fit-trattament tal-applikanti, taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jew ta' persuni apolidi soġġetti għalihom, kif ukoll iċ-ċarezza u ċ-ċertezza legali għall-individwu. Barra minn hekk, l-Istati Membri li jaġixxu waħedhom jistgħu joħolqu inċentivi għal movimenti mhux awtorizzati minn Stat Membru għal ieħor, skont jekk u kif japplikaw il-kunċett ta' STC, jew ifixklu t-trasferimenti ta' Dublin minħabba l-applikazzjoni diverġenti tal-kunċett.

L-objettivi ta' din il-proposta ma jistgħux jintlaħqu mill-Istati Membri waħedhom. L-objettiv li jitneħħew xi wħud mill-ostakli għall-applikazzjoni effettiva tal-kunċett ta' STC jitlob qafas tal-UE, li huwa meħtieġ biex tiġi żgurata applikazzjoni konsistenti u koerenti tal-kunċett ta' STC madwar l-Istati Membri. Għalhekk, l-Unjoni trid taġixxi u tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

- **Proporzjonalità**

F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, din il-proposta għal emenda mmirata għar-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil 2024/1348 ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu l-objettivi tiegħu, jiġifieri, li l-Istati Membri jingħataw aktar flessibbiltà fl-applikazzjoni tal-kunċett ta' STC f'konformità mad-dritt internazzjonali u b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u fil-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument magħżul huwa proposta għal Regolament li jemenda r-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST,* TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Il-ġbir ta' għarfien dwar l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Għar-rieżami tal-kunċett ta' STC, il-Kummissjoni eżaminat jekk hemmx lok skont id-dritt internazzjonali (il-Konvenzjoni ta' Ġinevra tal-1951 u l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1950) li l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-kunċett ta' STC u s-salvagwardji legali assoċjati jiġu riveduti ulterjorment bil-għan li tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni tal-kunċett fl-Istati Membri. Il-Kummissjoni qieset ukoll l-esperjenza tal-Istati Membri fl-applikazzjoni tal-kunċett ta' STC sa issa, inklużi l-isfidi ffaċċjati fl-applikazzjoni

tal-kunċett, kif espressi f'fora differenti. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni analizzat il-ġurisprudenza rilevanti tal-QĠUE u tal-QEDB.

Fir-rigward tal-informazzjoni fattwali dwar l-applikazzjoni tal-kunċett ta' STC mill-Istati Membri tal-UE sa issa, id-data disponibbli ma hijiex dettaljata ħafna, iżda l-indikazzjonijiet jissuġġerixxu li l-prattiki, fl-aħjar każ, kienu irregolari[11]. Tliet Stati Membri ma għandhomx il-kunċett ta' STC kopert fil-leġiżlazzjoni nazzjonali[12]. L-Istati Membri l-oħrajn kollha għandhom il-kunċett inkluż fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, iżda hemm differenzi fit-termini tal-applikazzjoni tiegħu: ħames Stati Membri adottaw listi ta' pajjiżi terzi sikuri[13], fi 12-il Stat Membru, il-kunċett jiġi applikat biss fuq bażi ta' każ b'każ[14], u sitt Stati Membri ma japplikawx il-kunċett fil-prattika[15].

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-Kummissjoni kkonsultat lill-Istati Membri, lill-Parlament Ewropew, lil organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u lill-UNHCR bejn Diċembru 2024 u Frar 2025. Id-diskussjonijiet iffokaw fuq il-kriterju ta' konnessjoni u l-effett sospensiv awtomatiku tal-appelli kontra deċiżjonijiet ta' inammissibbiltà abbażi tal-STC.

Saru diskussjonijiet mal-Istati Membri f'diversi fora, inkluż il-Coreper, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ażil, il-Kumitat Strateġiku dwar l-Immigrazzjoni, il-Fruntieri u l-Ażil (SCIFA, Strategic Committee on Immigration, Frontiers and Asylum) u ġew organizzati konsultazzjonijiet informali mill-Kummissjoni fis-27 ta' Jannar u fis-27 ta' Frar 2025. Saru diskussjonijiet mal-Membri tal-Parlament Ewropew fit-18 ta' Frar u ma' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fid-19 ta' Frar 2025.

F'dawn l-iskambji, maġġoranza kbira tal-**Istati Membri** esprimew appoġġ għar-rieżami tal-kunċett ta' STC u esprimew ruħhom favur emenda mmirata tal-APR biex jitneħħa kemm il-kriterju ta' konnessjoni kif ukoll l-effett sospensiv awtomatiku tal-appelli, billi qiesu dawn il-bidliet bħala mezz biex tittejjeb l-effiċjenza, tiġi pprovduta flessibbiltà akbar fil-ġestjoni tal-applikazzjonijiet għall-ażil, b'mod partikolari fi żminijiet ta' pressjoni migratorja sproporzjonata, u jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi. Minoranza ta' Stati Membri kienu kontra t-tħassir tar-rekwiżit tal-kriterju ta' konnessjoni u jippreferu definizzjoni flessibbli ta' konnessjoni.

L-Istati Membri li jappoġġaw it-tneħħija tal-kriterju ta' konnessjoni bħala rekwiżit obbligatorju enfasizzaw li dan iwessa' l-kamp ta' applikazzjoni potenzjali tal-applikanti eliġibbli għall-kunċett ta' STC, u b'hekk jippermetti li aktar persuni li jfittxu l-ażil jiġu kkunsidrati taħt dan il-qafas. Huma sostnew li din il-bidla tipprovdi wkoll flessibbiltà akbar fil-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, filwaqt li tiffaċilita l-istabbiliment ta' sħubijiet ġodda. Huma sostnew ukoll li, bit-tneħħija ta' dan ir-rekwiżit, l-Istati Membri jkunu f'pożizzjoni aħjar biex iwieġbu għall-pressjonijiet u għall-kriżijiet migratorji b'mod aktar effettiv. Huma indikaw ukoll titjib potenzjali fl-effiċjenza, billi sostnew li l-eliminazzjoni tal-kriterju ta' konnessjoni tissimplifika l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet, tnaqqas il-piżijiet amministrattivi

---

[11] Ara, pereżempju, EUAA (2022): Applying the Concept of Safe Countries in the Asylum Procedure; Osso, B., "Unpacking the Safe Third Country Concept in the European Union: Borders, Legal Spaces, and Asylum in the Shadow of Externalization", *il-Ġurnal Internazzjonali tal-Liġi dwar ir-Refuġjati*, Vol. 35(3), Ottubru 2023. Thym, D., *Expert Opinion on Legal Requirements for Safe Third Countries in Asylum Law and Practical Implementation Options*, April 2024.

[12] FR, IT, PL.

[13] BG, EE, DE, EL, HU.

[14] AT, BE, CY, DK, FI, HR, IE, LV, LT, MT, NL, SE.

[15] CZ, PT, RO, SK, SI, ES.

fuq l-awtoritajiet nazzjonali (minħabba li ma jkun hemm l-ebda piż biex tingħata prova tal-konnessjoni), u taċċellera t-teħid tad-deċiżjonijiet.

L-Istati Membri li ma jappoġġawx it-tneħħija tar-rekwiżit tal-kriterju ta' konnessjoni wissew li t-tneħħija tista' tfixkel l-integrazzjoni ta' individwi fl-STCs u l-istabbiliment ta' sħubijiet ma' pajjiżi terzi, iżżid ir-riskji ta' migrazzjoni irregolari lura lejn l-UE mill-STC u ta' individwi li jitħallew mingħajr rabtiet jew protezzjoni garantita fl-STC. Fl-UE, din tista' wkoll iżżid ir-riskju ta' litigazzjoni fil-qorti, u ta' movimenti sekondarji lejn l-Istati Membri, fejn il-kunċett ta' STC jew ma jiġix applikat jew inkella jiġi applikat bir-rekwiżit ta' konnessjoni. Xi wħud wissew li l-qrati nazzjonali jistgħu jissospendu t-trasferimenti ta' Dublin lejn l-Istati Membri meta jqisu li l-kunċett ta' STC jiġi applikat b'mod wisq klementi jew skorrett, minħabba li l-konnessjoni offriet salvagwardja. Xi Stati Membri enfasizzaw ukoll il-ħtieġa li tiġi żgurata l-konformità mad-dritt internazzjonali u mal-liġi dwar id-drittijiet tal-bniedem, jiġu protetti l-applikanti vulnerabbli, jiġi evitat li r-responsabbiltà tiġi ttrasferita lejn pajjiżi terzi, u tiġi żgurata implimentazzjoni realistika.

Diversi Stati Membri nnotaw ukoll li l-applikazzjoni tal-kunċett ta' STC tista' żżid ir-riskju li l-applikanti li għalihom jiġi applikat il-kunċett ta' STC jispiċċaw jaħarbu. Sabiex jindirizzaw dan ir-riskju, il-maġġoranza tal-Istati Membri qiesu li r-regoli previsti mid-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza, bħall-Artikoli 9 (restrizzjonijiet fuq il-libertà ta' moviment) u 10 (detenzjoni) huma biżżejjed, għalkemm ftit Stati Membri ssuġġerew li jiġu esplorati emendi possibbli u wieħed ippropona li tiġi inkluża premessa.

Il-konsultazzjonijiet mal-Membri tal-**Parlament Ewropew** żvelaw diverġenzi importanti ta' fehmiet bejn il-Membri. Xi Membri appoġġaw it-tħassir tal-kriterju ta' konnessjoni u t-tneħħija tal-effett sospensiv awtomatiku tal-appelli, billi sostnew li dawn il-bidliet itejbu l-effiċjenza u jrażżnu l-movimenti sekondarji. Membri oħrajn opponew iż-żewġ proposti, billi wissew li n-nuqqas ta' kriterju ta' konnessjoni jista' jfixkel l-integrazzjoni fil-pajjiż terz, iżid il-movimenti sekondarji, u jħalli lill-individwi ttrasferiti lejn il-pajjiż terz mingħajr protezzjoni, filwaqt li enfasizzaw l-importanza li jiġi salvagwardjat id-dritt tal-individwu għall-ażil fl-UE u li tiġi żgurata s-sostenibbiltà fit-tul tat-trasferimenti. Tqajjem tħassib addizzjonali dwar ir-riskju ta' aktar litigazzjoni fil-qorti u r-riskji potenzjali ta' *refoulement* jekk jitneħħa l-effett sospensiv tal-appelli. Ġie sostnut ukoll li l-fokus għandu jibqa' fuq l-implimentazzjoni tal-Patt, aktar milli fuq l-introduzzjoni ta' bidliet li jistgħu jfixklu l-bilanċ innegozjat bir-reqqa tiegħu. Xi Membri nnotaw li kwalunkwe bidla fil-kunċett ta' STC trid tkun akkumpanjata minn arranġamenti ta' kooperazzjoni b'saħħithom ma' pajjiżi terzi, li jiggarantixxu wkoll li l-persuni ttrasferiti jkollhom aċċess għal protezzjoni effettiva.

**L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili** ġeneralment kienu kontra r-reġimi tal-kunċett ta' STC u enfasizzaw bosta kwistjonijiet ta' tħassib ewlenin dwar l-implimentazzjoni prattika tal-kunċett ta' STC. Huma wissew li dan jista' jwassal għal aktar litigazzjoni, interventi ġudizzjarji, u piżijiet amministrattivi, filwaqt li jkollu impatt negattiv fuq is-sistema ta' Dublin u l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi. L-impatt fuq applikanti vulnerabbli kien tħassib ewlieni ieħor, b'appelli biex il-kriterju ta' konnessjoni jibqa' obbligatorju għal dan il-grupp.

Il-**UNHCR**, filwaqt li rrikonoxxa li l-kriterju ta' konnessjoni ma huwiex rekwiżit skont id-dritt internazzjonali, tenna r-riżervi tiegħu dwar it-tneħħija tiegħu, inkluż tħassib dwar is-sostenibbiltà fit-tul tat-trasferimenti fin-nuqqas ta' konnessjoni, u r-riskju li l-persuni ttrasferiti jistgħu jibqgħu f'sitwazzjoni legali mhux ċara minħabba ċaħdiet sussegwenti potenzjali tat-talbiet għal protezzjoni anke fl-STC. Il-UNHCR enfasizza l-ħtieġa għal salvagwardji addizzjonali robusti f'każ li l-kriterju ta' konnessjoni jkun tneħħa. Il-UNHCR esprima wkoll xi tħassib relatat mal-kunċett ta' STC, iżda ma huwiex marbut direttament mal-proposti għal reviżjoni.

Fir-rigward tal-**effett sospensiv tal-appelli**, il-maġġoranza tal-Istati Membri u xi Membri tal-Parlament Ewropew appoġġaw l-għażla ta' effett sospensiv mhux awtomatiku. Huma sostnew li t-tneħħija tal-effett sospensiv awtomatiku tista' tnaqqas id-dewmien proċedurali, filwaqt li nnotaw li dan ikun ukoll konformi mad-durata qasira ta' proċeduri aċċellerati u fuq il-fruntieri skont l-APR kurrenti. Barra minn hekk, l-eliminazzjoni tal-effett sospensiv awtomatiku tista' tnaqqas il-piżijiet finanzjarji assoċjati mal-għoti ta' kundizzjonijiet ta' akkoljenza għal applikanti li t-talbiet tagħhom għal protezzjoni jkunu qed jiġu eżaminati. Huma sostnew ukoll li din il-miżura tista' tipprevjeni l-abbuż bl-opportunitajiet ta' appell mill-applikanti li jkollhom l-intenzjoni li jdewmu d-deportazzjoni tagħhom u tista' tgħin biex jittaffew ir-riskji ta' ħarba u movimenti sekondarji.

Ftit Stati Membri, xi Membri tal-Parlament Ewropew, il-UNHCR u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili esprimew tħassib dwar it-tneħħija tal-effett sospensiv awtomatiku. Fil-fehma tagħhom, tali bidla tista' żżid b'mod sostanzjali l-ammont ta' xogħol tal-qrati tal-appell u wissew dwar riskji potenzjali ta' *refoulement*. Il-UNHCR qies li t-tneħħija tal-effett sospensiv awtomatiku tista' żżid ir-riskji ta' detenzjoni matul l-appelli, u li, anke jekk id-deċiżjoni ta' ritorn iżżomm effett sospensiv, hemm riskju sinifikanti ta' trasferiment inġust ta' applikanti f'riskju, kif ukoll li, anke meta miżura ta' deportazzjoni tiġi sospiża awtomatikament, dan jista' ma jiżgurax rimedju effettiv kontra ċ-ċaħdiet tal-ażil abbażi tal-STC.

- **Tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza**

L-Artikolu 77 tal-APR talab lill-Kummissjoni twettaq rieżami tal-kunċett ta' STC u, fejn meħtieġ, tipproponi emendi leġiżlattivi sa Ġunju 2025, għalhekk qabel l-applikazzjoni tal-APR f'Ġunju 2026.

Meta ġiet biex tirrieżamina l-kunċett ta' STC, il-Kummissjoni qieset l-esperjenza tal-Istati Membri bl-applikazzjoni tiegħu sa issa, inklużi l-isfidi li ltaqgħu magħhom, kif espressi f'diversi fora. Il-Kummissjoni wettqet ukoll attivitajiet ta' konsultazzjoni wiesgħa mal-partijiet ikkonċernati biex tiġbor l-evidenza. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni analizzat il-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

- **Drittijiet fundamentali**

Din il-proposta tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti, b'mod partikolari, mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-obbligi li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali, b'mod partikolari mill-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar l-Istatus tar-Rifuġjati, il-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra t-Tortura, u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal.

Il-proposta hija konsistenti mal-Artikolu 18 tal-Karta tal-UE, li jistabbilixxi dritt għall-ażil fl-UE. Il-fatt li ftehim jew arranġament ma' pajjiż terz jeħtieġ l-eżami tal-merti tat-talbiet għal protezzjoni effettiva magħmula minn applikanti soġġetti għal dak il-ftehim jew l-arranġament jiżgura li l-persuna ttrasferita tirċievi protezzjoni fil-pajjiż terz sikur, jekk eliġibbli. Il-proposta hija konsistenti wkoll mal-Artikolu 24 tal-Karta tal-UE, li jistabbilixxi d-dritt tagħhom għal tali protezzjoni u kura kif meħtieġ għall-benesseri tagħhom, u l-aħjar interessi tat-tfal bħala kunsiderazzjoni primarja fl-azzjonijiet kollha relatati mat-tfal. Barra minn hekk, il-proposta tiggarantixxi li kull applikant individwali li għalih jiġi applikat il-kunċett ta' STC fi Stat Membru jibbenefika bis-sħiħ mill-garanziji proċedurali kollha disponibbli fl-APR fil-kuntest tal-proċeduri ta' inammissibbiltà u l-appelli kontra d-deċiżjonijiet ta' inammissibbiltà, li min-naħa tagħhom huma allinjati bis-sħiħ mal-Artikoli 3 u 4 tal-Protokoll 4 tal-

Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-ġurisprudenza tal-QEDB dwar dawk id-drittijiet.

Il-proposta hija konsistenti wkoll mal-obbligu li jiġi rrispettat il-prinċipju ta' *non-refoulement*, li huwa ssalvagwardjat fil-kuntest tal-APR, u li se jkompli jiġi ssalvagwardjat skont ir-regoli l-ġodda dwar l-applikazzjoni tal-kunċett ta' STC. Ir-riskji ta' *refoulement* iridu jitqiesu fil-kuntest tal-eżami tal-ammissibbiltà tal-applikazzjoni għall-ażil abbażi tal-kunċett ta' STC, meta jiġi vvalutat jekk pajjiż terz huwiex "sikur" b'mod ġenerali, u għal kull individwu b'mod partikolari. Il-proposta tistabbilixxi li l-effetti ta' deċiżjoni ta' ritorn li hija marbuta mad-deċiżjoni ta' inammissibbiltà bbażata fuq l-applikazzjoni tal-kunċett ta' STC, maħruġa skont l-Artikolu 37 tal-APR, għandhom jiġu sospiżi awtomatikament sakemm l-applikant ikollu appell pendenti fejn huwa jkollu talbiet relatati ma' riskju ta' *refoulement*. Il-proposta għal Regolament dwar ir-Ritorn tafferma mill-ġdid din is-salvagwardja, li kienet diġà disponibbli skont id-Direttiva dwar ir-Ritorn kurrenti.

Il-proposta tqis ukoll il-ħtiġijiet speċjali ta' minuri mhux akkumpanjati u tallinja mal-politiki tal-UE mmirati lejn il-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal. Għal minuri mhux akkumpanjati, l-applikazzjoni tal-kunċett ta' STC abbażi tal-eżistenza ta' konnessjoni jew tranżitu tikkomplementa s-salvagwardji diġà stabbiliti fl-APR. Meta l-Istati Membri japplikaw il-kunċett ta' STC għal minuri mhux akkumpanjati, l-APR diġà jirrikjedi valutazzjoni individwali bbażata fuq l-aħjar interessi tat-tfal. Fil-kuntest tal-kunċett ta' STC, din il-valutazzjoni tinkludi l-verifika ta' jekk hemmx arranġamenti xierqa fis-seħħ fil-pajjiż terz biex jipproteġu lill-minuri mhux akkumpanjati u jiżguraw li dawn jirċievu appoġġ imfassal apposta għall-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom u aċċess immedjat għal protezzjoni effettiva. Il-minuri mhux akkumpanjati jinsabu f'sitwazzjoni partikolari ta' vulnerabbiltà u jeħtieġu appoġġ speċifiku, li spiss jista' jiġi pprovdut minn atturi privati fil-pajjiż ospitanti.

Id-dritt għal rimedju effettiv huwa żgurat b'mod adegwat meta jitneħħa l-effett sospensiv awtomatiku tal-appell kontra d-deċiżjoni ta' inammissibbiltà abbażi tal-kunċett ta' STC, billi l-applikanti għandhom id-dritt li jitolbu fil-qorti d-dritt li jibqgħu sakemm jinstema' l-appell.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din il-proposta ma timponi l-ebda piż finanzjarju jew amministrattiv fuq l-Unjoni. Għalhekk, ma għandha l-ebda impatt fuq il-baġit tal-Unjoni. Din il-proposta tirriżulta mir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil (2024/1348) ("APR") li introduċa diversi bidliet fir-regoli tal-STC u, għalhekk, huwa parti mill-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil adottat f'Mejju 2024 li għalih diġà huwa previst finanzjament. L-applikazzjoni tal-kunċett ta' pajjiż terz sikur (STC) ma hijiex ġdida għall-Istati Membri u l-appoġġ għal kwalunkwe investiment meħtieġ għall-applikazzjoni tal-kunċett ta' STC huwa eliġibbli taħt il-Fond eżistenti għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni. L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA, European Union Asylum Agency) tista' tappoġġa lill-Istati Membri b'persunal għall-istess skop, fil-mandati rispettivi tagħhom.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Skont l-Artikolu 75 tar-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil, l-Istati Membri huma obbligati jiżviluppaw Pjanijiet ta' Implimentazzjoni Nazzjonali bbażati fuq il-Pjan ta' Implimentazzjoni Komuni żviluppat mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni trid timmonitorja mill-qrib l-implimentazzjoni ta' dawn il-pjanijiet nazzjonali. Ladarba t-testi leġiżlattivi skont

il-Patt jibdew japplikaw, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil se timmonitorja l-applikazzjoni operazzjonali u teknika tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil, skont l-Artikolu 14 tar-Regolament tal-EUAA 2021/2303. L-applikazzjoni tal-kunċett ta' STC se tiġi inkluża fil-monitoraġġ imwettaq mill-EUAA. Barra minn hekk, ir-rapporti annwali li l-Kummissjoni trid tadotta skont l-Artikolu 9 tar-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni jridu jinkludu r-riżultati tal-monitoraġġ tal-EUAA.

Dawn l-elementi varji jridu jitqiesu mill-Kummissjoni meta tivvaluta jekk l-Istati Membri humiex taħt pressjoni migratorja, f'riskju ta' tali pressjoni, jew qed jiffaċċjaw sitwazzjoni migratorja sinifikanti. Huma rilevanti wkoll meta jiġi ddeterminat jekk Stat Membru għandux nuqqasijiet sistemiċi li jistgħu jwasslu għal konsegwenzi negattivi serji għall-funzjonament tas-sistema ta' Dublin.

Il-klawsola ta' trasparenza miżjuda f'din il-proposta, li tirrikjedi li l-Istati Membri jinformaw lill-Kummissjoni u lil Stati Membri oħrajn qabel ma jikkonkludu ftehimiet jew arranġamenti ma' pajjiżi terzi, tippermetti wkoll lill-Kummissjoni jkollha ħarsa ġenerali sħiħa dwar l-implimentazzjoni tal-kunċett ta' STC.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

**Għażliet għall-applikazzjoni tal-kunċett ta' STC**

L-applikazzjoni tal-kriterju ta' konnessjoni, li ma huwiex meħtieġ skont id-dritt internazzjonali, mhux se tibqa' obbligatorja skont id-dritt tal-UE, li jfisser li l-Istati Membri se jkollhom l-għażla jekk japplikawhx jew le.

Meta japplikaw il-kunċett ta' STC, l-Istati Membri se jkollhom tliet għażliet:

1) li japplikaw l-STC fejn ikun hemm konnessjoni, kif definita fil-liġi nazzjonali, f'konformità mal-parametri stabbiliti mill-ġurisprudenza tal-QĠUE u l-istandards internazzjonali; *jew*
*2)* li japplikaw il-kunċett ta' STC billi jikkunsidraw it-tranżitu bħala kriterju suffiċjenti; *jew*
3) li japplikaw il-kunċett ta' STC abbażi ta' ftehim jew arranġament ma' pajjiż terz, li jirrikjedi l-eżami tal-merti tat-talbiet għal protezzjoni effettiva magħmula mill-applikanti soġġetti għal dak il-ftehim jew l-arranġament. Dan mhux se japplika għal minuri mhux akkumpanjati.

Ir-rekwiżit li, fin-nuqqas ta' konnessjoni jew tranżitu, il-kunċett ta' STC għandu jiġi applikat biss abbażi ta' ftehim jew arranġament ma' pajjiż terz ifisser li l-applikanti jkun jista' jkollhom aċċess għal proċedura f'pajjiżi terzi sikuri u jirċievu protezzjoni effettiva jekk tkun ġustifikata, mingħajr preġudizzju għall-pajjiż terz li jiddeċiedi jekk il-persuna tissodisfax il-kundizzjonijiet għall-kisba ta' tali protezzjoni.

L-eżistenza ta' konnessjoni jew ta' tranżitu preċedenti, li tistabbilixxi rabta mal-pajjiż terz sikur, se tkun obbligatorja meta l-STC jiġi applikat għal minuri mhux akkumpanjati. Dan ir-rekwiżit inaqqas l-esponiment tagħhom għal protezzjoni inadegwata u iżolament soċjali. minuri mhux akkumpanjati jinsabu f'sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà u jeħtieġu appoġġ addizzjonali meta l-kunċett ta' STC jiġi applikat għalihom. Dan huwa rikonoxxut mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 59(6) tal-APR, li jirrikjedi li pajjiż terz jista' jitqies bħala sikur biss għal minuri mhux akkumpanjati meta ma jkunx kuntrarju għall-interessi tal-wild u meta jkun hemm assigurazzjonijiet li l-awtoritajiet tal-pajjiżi terzi se jieħdu r-responsabbiltà tal-minuri mhux akkumpanjat u jipprovdu appoġġ immedjat u aċċess għal protezzjoni effettiva.

Il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil jistabbilixxi sistema Ewropea komuni aktar integrata, fejn id-deċiżjonijiet meħuda minn Stat Membru wieħed ikollhom impatt fuq Stati Membri oħrajn.

Is-sistema tal-ażil u l-migrazzjoni tal-Patt hija bbażata fuq il-fiduċja u tinkludi diversi strumenti biex tiġi żgurata t-trasparenza (eż., il-monitoraġġ tal-iskrinjar u l-proċedura fuq il-fruntiera, il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ tal-EUAA) li għandhom japplikaw ukoll għall-kunċett ta' STC. Għal din ir-raġuni, il-proposta tintroduċi klawsola ta' trasparenza li tirrikjedi li l-Istati Membri jinfurmaw lill-Kummissjoni u lil Stati Membri oħrajn qabel ma jikkonkludu ftehimiet jew arranġamenti ma' pajjiżi terzi sikuri. Din tgħin ukoll lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jikkoordinaw aħjar l-isforzi tagħhom lejn pajjiżi terzi għall-konklużjoni ta' ftehimiet jew arranġamenti, u jappoġġaw l-approċċ komprensiv fid-dimensjoni esterna tal-migrazzjoni. Il-Kummissjoni tkun tista' wkoll timmonitorja li l-ftehimiet jew l-arranġamenti ma' pajjiżi terzi jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-APR.

Barra minn hekk, sabiex jillimitaw ir-riskji assoċjati mal-ħrib minn dawk l-Istati Membri li japplikaw il-kunċett ta' STC għal Stati Membri oħrajn li ma japplikawhx, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jipprevjenu movimenti mhux awtorizzati tal-applikanti li għalihom qed jiġi applikat il-kunċett ta' STC. Dawn il-miżuri jistgħu jinkludu r-restrizzjoni tal-libertà tal-moviment skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 2024/1346, jew id-detenzjoni tal-applikant ikkonċernat f'konformità mal-Artikolu 10 tagħha, sakemm issir il-valutazzjoni tal-ammissibbiltà tal-applikazzjoni. F'dan ir-rigward, jista' jkun possibbli li jitqies li hemm riskju ta' ħarba meta jiġi applikat il-kunċett.

**Effett sospensiv mhux awtomatiku tal-appell kontra d-deċiżjonijiet ta' inammissibbiltà meħuda abbażi tal-kunċett ta' STC**

Sabiex ittejjeb l-effiċjenza proċedurali, il-Kummissjoni tipproponi wkoll li l-effett sospensiv tal-appelli kontra deċiżjonijiet ta' inammissibbiltà jsir mhux awtomatiku, mingħajr preġudizzju għall-appelli kontra deċiżjonijiet ta' ritorn relatati, fejn ikun hemm riskju ta' ksur tal-prinċipju ta' *non-refoulement*. Għal dak il-għan, ir-raġuni għall-kontrolli tal-inammissibbiltà bbażati fuq l-applikazzjoni tal-kunċett ta' STC tiżdied mal-Artikolu 68, il-paragrafu 3, il-punt b.

2025/0132 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## li jemenda r-Regolament (UE) 2024/1348 fir-rigward tal-applikazzjoni tal-kunċett ta' "pajjiż terz sikur"

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 78(2), il-punt (d) tiegħu

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjonijiet tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

Wara li kkunsidraw l-opinjonijiet tal-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[16] stabbilixxa proċedura komuni għall-għoti u l-irtirar ta' protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni. Il-Kummissjoni rrieżaminat id-diversi elementi tal-kunċett ta' pajjiż terz sikur, inklużi l-kriterji tas-sikurezza, il-proċess dovut, il-kriterju ta' konnessjoni u d-dispożizzjonijiet dwar rimedju effettiv. Ir-rieżami wassal għall-konklużjoni li kien hemm lok għal titjib tal-applikabbiltà tal-kunċett ta' pajjiż terz sikur, filwaqt li jiġu ppreservati s-salvagwardji legali għall-applikanti u jiġi żgurat ir-rispett tad-drittijiet fundamentali.

(2) L-eżistenza ta' konnessjoni bejn l-applikant u l-pajjiż terz sikur ma hijiex meħtieġa mid-dritt internazzjonali dwar ir-refuġjati, b'mod partikolari l-Konvenzjoni ta' Ġinevra, jew id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li japplikaw il-kunċett ta' pajjiż terz sikur meta ma tkun tista' tiġi stabbilita l-ebda konnessjoni bejn l-applikant u l-pajjiż terz sikur ikkonċernat, diment li ftehim jew arranġament mal-pajjiż terz ikkonċernat ikun jeħtieġ l-eżami tal-merti tat-talbiet għal protezzjoni effettiva magħmula mill-applikanti soġġetti għal dak il-ftehim jew l-arranġament.

(3) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li japplikaw il-kunċett ta' pajjiż terz sikur abbażi ta' konnessjoni bejn l-applikant u l-pajjiż terz ikkonċernat, li permezz tagħha jkun raġonevoli għall-applikant li jmur f'dak il-pajjiż terz.

(4) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom ukoll il-possibbiltà li japplikaw il-kunċett ta' pajjiż terz sikur għal applikanti li jkunu għaddew mit-territorju ta' pajjiż terz qabel ma

---

